# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 7 ta' Marzu, 2017**

**Talba Nru: 20/2017PA**

**GO p.l.c.**

**vs**

**Albani Gordon**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avvż tat-Talba preżentat fit-12 ta' Jannar 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' tmien mija u tnejn u sittin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€862.85ċ) bilanc ta' prezz ta' servizzi provduti lilu mis-soċjeta' Mobisle Communications Limited, li b'effett mid-19 ta' Diċembru 2015, ġiet amalgamata fis-soċjeta' attriċi, liema somma l-konvenut kien obbliga ruħu li jħallas permezz ta' pagamenti mensili bi ftehim datat 7 ta' Frar 2011, bl-ispejjeż u d-drittijiet, u bl-imgħaxijiet legali sa mid-data tal-preżentata ta' din il-kawża.

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospetti tal-kontijiet tas-servizzi tal-konvenut mal-kumpanija Mobisle Communications Limited (Dok.'A1' u 'A2', fol.2 sa 3); (ii) skrittura datata 7 ta' Frar 2011 bejn il-konvenut u l-kumpanija Mobisle Communications Limited, li permezz tagħha l-konvenut obbliga ruħu li jħallas lis-soċjeta' imsemmija s-somma ta' elf, tmien mija u għaxar Ewro, wieħed u ħamsin ċenteżmu (€1,810.51ċ), bilanċ tal-prezz ta' servizzi tat-telefonija ċellulari, oltre l-

prezz tal-istess servizzi provduti lilu fix-xhur bejn Ottubru 2010 u Jannar 2011, ix-xahrejn inklużi, permezz ta' pagamenti mensili ta' €150, wara li mal-ftehim ħallas pagament ta' €150 akkont (Dok.'B1' u 'B3', fol.4 u 6); u (iii) kopja taċ-ċertifikat tal-amalgamazzjoni b'akkwist tas-soċjeta' Mobisle Communications Limited (C24655) mis-soċjeta' attriċi (Dok.'B2', fol. 5).

Ra li l-konvenut, debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, baqa' ma ppreżentax risposta, u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Ra x-xiehda ta' Charmaine Psaila Raji, Credit Control Officer tas-soċjeta' attriċi, li ddikjarat li l-ammont mitlub b'din il-kawża għadu sallum dovut mill-konvenut.

Wara li qies il-provi kollha prodotti mis-soċjeta' attriċi, fil-kontumaċja tal-konvenut (meqjusa mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna bħala stat ta' kontestazzjoni għat-talba attriċi), it-Tribunal jidhirlu li t-talba tagħha tinsab suffiċjentement pruvata.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi, u jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' tmien mija u tnejn u sittin Ewro, ħamsa u tmenin ċenteżmu (€862.85ċ), bl-imgħax legali mit-12 ta' Jannar 2017 sad-data tal-ħlas effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jibqgħu a karigu tal-konvenut.

**Avukat, Phyllis Aquilina LL.D.**

**ĠUDIKATUR**